MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 20 ta' Marzu 2021**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Sacko Baukader**
**(Numru tal-Pulizija 19II-153)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Sacko Baukader** li ġie akkużat talli fid-19 ta' Marzu 2021 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tiegħu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, ċioè passaport tal-Italja, innumerat MD 0048216 u maħruġ f'isem Diallo Mohamed maħruġ fuq l-istess isem imsemmi aktar qabel, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ttrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, ċioè dak diġà msemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datata 26 ta' Awwissu 2020.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu u wkoll il-fatt li l-imputat huwa riċediv ta' reati simili għal dawk odjerni u li dwarhom serva numru ta' xhur fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jiġi trattat b'piena ta' priġunerija effettiva stante li huwa riċediv u dawn ir-reati jaffettaw is-sigurtà tal-Istat.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32 (1) (c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Sacko Baukader** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur